MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Civili - Ghawdex Numru. 8/2013/1

**Paul u Sylvana konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Noel Attard u b'digriet moghti fis-7 ta' Mejju 2013 gie kjamat in kawza Michael Zammit**

Permezz ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Settembru 2014, gie deciz:

*"jastjeni minn li jiehu konjizzjoni tal-meritu; jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-ispejjez kollha inkorsi minn l-attur. L-ispejjez inkorsi mill-konvenut ghandhom jithallsu nofshom minnu konvenut u nofshom mill-kjamat in kawza. Il-kjamat in kawza ghandu jbaghti l-ispejjez tieghu kif ukoll ghandu jirrifondi lura lill-konvenut in-nofs tal-ispejjez li dan huwa tenut li jhallas lill-attur skont din is-sentenza."*.

Il-kaz kien jitratta talba ghall-hlas ta' €2,568 bilanc ghal xoghol ta' tibjid u finishing li ghamel l-attur fuq inkarigu tal-konvenut Attard, gewwa l-fond Nirvana, Triq San Guzepp, Qala, Ghawdex.

Il-konvenut Attard oggezzjona ghat-talba peress li l-hlas kellu jsir minn Zammit u mhux minnu. Hlasijiet li jghid li saru permezz ta' cekkijiet fil-presenza tieghu. Talab ukoll li Zammit jissejjah fil-kawza.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013 it-Tribunal ordna li Zammit jissejjah fil-kawza li pprezenta twegiba (1 ta' Lulju 2013) fejn ikkonferma li hames cekkijiet li kien ta lill-atturi, ghal xi raguni, ma kienux issarrfu. Iddikjara wkoll li kien qieghed jipprezenta cedola ta' depozitu bil-hlas dovut lill-atturi. Ikkonkluda li l-azzjoni saret intempestivament.

Attard u Zammit appellaw flimkien u l-aggravji huma s-segwenti:-

1. Kien in-nuqqas tal-appellat li ma jsarrafx ic-cekkijiet li wasslet ghal din il-vertenza. L-appellat naqas milli jressaq l-ahjar prova li fil-fatt meta mar il-bank, giet rifjutata t-talba tieghu biex isarraf ic-cekk.
2. Ir-responsabbilta' tal-hlas kienet ta' Zammit. Attard ma kienx ghad baqghalu obbligu li jhallas. Ghalhekk semmai kien Zammit li kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez.

L-appellati Azzopardi wiegbu permezz ta' risposta (27 ta' Frar 2014) fejn irribattew dak kollu li qalu l-appellanti.

Mill-atti rrizulta kif:-

1. L-appellati ffirmaw skrittura privata ma' Attard sabiex tal-ewwel jaghmel xoghol ta' *"pointing, plastering, electricity u plumbing fid-dar numru hamsa (5), Triq San Guzepp, Qala, Ghawdex."*;
2. Permezz ta' skrittura datata 24 ta' Settembru 2011 (fol. 37) il-kontendenti ffirmaw ftehim li bih Attard iddelega lil Zammit sabiex ihallas lill-appellati s-somma ta' Ewro5,068. Dan billi Zammit ta ghaxar (10) cekkijiet lill-appellati bin-numri 48-57 mill-kont numru 400111435048. Fl-ahhar paragrafu tal-iskrittura jinghad: *"Ikun benintiz illi r-relazzjoni tal-konjugi Azzopardi minhabba dawn ix-xogholijiet hija direttament ma' Noel Attard u l-konjugi Azzopardi qed jaccettaw dan l-arrangament biss sabiex jagevolaw lill-istess Attard."*.

Il-qorti tibda biex tosserva li kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-appellanti, il-ftehim tal-24 ta' Settembru 2011 ma wassalx ghal novazzjoni *ex parte debitoris*. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellanti li l-ahhar paragrafu kien qieghed jipprovdi ghal xi garanzija min-naha ta' Azzopardi li x-xoghol hu ta' kwalita' tajba. Il*-kliem "[....] u l-konjugi Azzopardi qed jaccettaw dan l-arrangament biss sabiex jagevolaw lill-istess Attard.",* isahhah il-fehma tal-qorti. L-Artikolu 1183 tal-Kodici Civili jipprovdi car li:

*"Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta' tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni.".*

F'dan il-kaz m'hemmx prova li l-appellati Azzopardi espressament helsu lill-appellant Attard. Anzi l-ahhar paragrafu tal-iskrittura tal-24 ta' Settembru 2011 jikkonferma kemm l-appellant Attard ma giex mehlus mill-obbligazzjoni, ghalkemm l-appellati Azzopardi kienu disposti li jaccettaw il-hlas minghand Zammit. Wiehed irid jiftakar li f'dak l-istadju l-obbligazzjoni tal-hlas ma spiccatx, peress li l-appellati nghataw biss ghaxar (10) *post-dated* cheques li kull wiehed jissarraf fl-ahhar tax-xahar. Cekkijiet m'humiex hlas. Il-hlas isehh meta jissarrfu c-cekkijiet. Dak hu l-mument li l-obbligazzjoni tal-hlas tispicca u mhux meta jigu kkonsenjati c-cekkijiet. Il-qorti tkompli ssahhah il-fehma taghha li l-appellant Attard ma kienx gie mehlus:

- mill-iskrittura tal-20 ta' Dicembru 2010 (fol. 21) fejn jinghad: *"Ghaldaqstant, il-bilanc* ***li ghadu dovut minn Noel Attard*** *lil Paul Azzopardi proprio et nomine in konnessjoni ma' dan ix-xoghol u l-appalt fuq riferit jammont biss ghal Ewro9069."* (enfazi tal-qorti).
- mill-iskrittura tat-12 ta' Frar 2011 (fol. 22) fejn jinghad: *"Jigi ddikjarat illi dan il-hlas qieghed isir* ***minn Michael Zammit ghan-nom ta' Noel Attard*** *kif l-istess Michael Zammit gie delegat jaghmlu minn Eresta Galea......"* (enfazi tal-qorti).

M'hemmx kontestazzjoni li ghal xi raguni jew ohra l-ahhar hames (5) cekkijiet ma ssarrfux minn Azzopardi. Tant hu hekk li fil-mori tal-kawza Zammit kien iddepozita fil-qorti l-ammont li kienu qeghdin jitolbu l-appellati, cjoe' Ewro2,568. Kien f'dak l-istadju li l-appellati thallsu dak li kien dovut lilhom billi rtiraw din is-somma mill-qorti. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

i. Kienet x'kienet ir-raguni, jibqa' 'l fatt li l-appellati Azzopardi kienu ghadhom ma thallsux dak li kien dovut lilhom. Azzopardi ma qabadx u pprezenta l-kawza. Jirrizulta li baghat ittra datata 20 ta' Novembru 2012 lill-appellant Attard fejn sejjahlu sabiex ihallas. Hekk rega' ghamel b'ittra datata 20 ta'

Dicembru 2012. Kien biss fil-5 ta' April 2013 li l-appellati pprezentaw il-kawza. Fil-fehma tal-qorti kien hemm bizzejjed zmien sabiex Attard jaghmel verifiki u jikkonferma ma' Zammit li ma sarx il-hlas.

ii. Hu evidenti li Attard dejjem ha l-posizzjoni li hu ma kienx ghadu debitur tal-appellati. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-ittra legali li baghat, datata 21 ta' Dicembru 2012, fejn gharraf lill-appellati li ghall-hlas kellhom jinterpellaw lil Zammit; *"Ghaldaqstant mitluba sabiex tiddezistu milli tkomplu b'dawn il-pretensjonijiet stante illi assolutament ma ghandhomx x'jaqsmu ma' Noel Attard izda biss ma Michael Zammit."*. Sahansitra jirrizulta li Attard kien sodisfatt li c-cekkijiet ma kienux issarrfu. Tant hu hekk li baghat ittra lill-appellat Zammit, datata 5 ta' Frar 2013 (fol. 15), fejn interpellah sabiex fi zmien tlett ijiem ighid ghalfejn ma ssarrfux ic-cekkijiet, u *"[...] fl-istess terminu ta' tlett ijiem mid-data ta' din l-ittra inti thallas l-ammont ta' Ewro2568 illi ghadu dovut minnek lil Paul Azzopardi."*.

iii. Id-difensuri tal-appellanti ghamlu enfazi li kien hemm flus fil-kont bankarju ta' Zammit. F'dan ir-rigward gie pprezentat *statement of account* ghall-perjodu 1 ta' Marzu 2012 sal-11 ta' April 2012 (fol. 88), tal-kont bankarju tal-appellanti Zammit u li jissemma fl-iskrittura tal-24 ta' Settembru 2011. Ic-cekk li ma ssarrafx kien datat 31 ta' Marzu 2012 ghas-somma ta' Ewro500. Jidher li f'dak iz-zmien kien hemm bizzejjed flus biex dan ic-cekk jigi onorat. Fuq bazi ta' probabilita' l-qorti ma ghandix ghalfejn tiddubita dwar jekk Azzopardi kienx ipprezenta c-cekk il-bank u ma giex imsarraf. Kien fl-interess tal-appellati li jsarrfu c-cekkijiet sabiex jithallsu dak li kien ilu dovut lilhom. Tant kien hemm problema li Attard stess ikkonferma kif l-appellat kien qieghed kontinwament jikkomunika mieghu, anke jcempillu tlett darbiet fil-gimgha, u jaghmel pressjoni fuqu biex jithallas (fol. 73). M'hemmx dubju li kien fl-interess ta' Azzopardi li jipprezenta c-cekk u ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn Azzopardi seta' ghazel li ma jsarrafx ic-cekk. L-appellant Attard ikkonferma li l-appellat kien infurmah li kien ghadu ma thallasx, tant li qal li kemm-il darba pprova jikkomunika mal-appellant l-iehor, izda ma rnexxilux. Il-qorti ma tista' timputa l-ebda tort lill-appellati. Huma kienu l-kredituri u kienu ghadhom ma thallsux.

iv. Ladarba l-hlas ma sarx minn Zammit, l-appellant Attard, li kif rajna kien ghadu debitur, kellu obbligu li jhallas lill-appellati. Dan irrispettivament mill-ftehim li hu, zitu Ernesta Galea u Michael Zammit ikkonkludew bejniethom.

v. L-appellant Zammit qal li hu kien minghalih li c-cekkijiet kienu ssarrfu. Il-qorti ma temminx. Mill-provi rrizulta kif l-appellant Attard kien baghatlu ittra datata 5 ta' Frar 2013 li biha sejjahlu biex ihallas. Ghalkemm Zammit ma qalx jekk kienx irceviha, jibqa' 'l fatt li Attard ikkonferma li ntbaghatet. L-indirizz li hemm fl-ittra hu l-istess wiehed li ddikjara Zammit fit-twegiba li pprezenta (fol. 48). Fuq bazi ta' probabilita' l-ittra rceviha u ma ghamel xejn dwarha.

vi. It-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' lill-partijiet jixhdu *viva voce*. Il-qorti tqies li ma ngiebux ragunijiet validi ghalfejn dak l-apprezzament ghandu b'xi mod jigi disturbat. Rilevanti wkoll kif per ezempju t-Tribunal ikkummenta: *"Lanqas jista' jiskarta dan it-Tribunal il-mod kif xehed Michael Zammit u l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda."* (fol. 80). Kumment li jfisser li Zammit ma kien xejn konvincenti fir-rigward tal-verzjoni li ta. Ghalhekk hu car li t-Tribunal ghazel li jemmen il-verzjoni ta' Azzopardi, u f'dan m'hemm xejn hazin.

Wiehed jista' forsi jsostni li l-appellant Zammit kellu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-appellant l-iehor, li ghandhom jinkludu dawk tal-appellati li skond is-sentenza jrid ihallashom Attard. Dan peress li fir-relazzjoni interna ta' bejniethom Zammit kien obbliga ruhu li jhallas lill-appellati, u l-hlas baqa' ma sarx. Pero' l-qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma setax isir appell jekk mhux ghal xi wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Ragunijiet li m'hemmx fil-kaz in ezami. Permezz ta' nota prezentata fit-3 ta' Ottubru 2013 (fol. 59) l-appellati rrinunzjaw ghat-talba fil-meritu u zammew ferm il-kap tal-ispejjez. Mela minn dak l-istadju 'l quddiem l-kwistjoni kienet limitata ghall-hlas tal-ispejjez u xejn iktar. Spejjez li skond it-taxxa mahruga mir-Registratur (fol. 81) huma fl-ammont komplessiv ta' €601.84. Jekk wiehed kellu ma' dan l-ammont izied l-ispejjez relatati man-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni ta' Zammit, l-ispejjez xorta jibqghu ferm inqas mis-somma ta' €1,164.69. Hu biss fejn l-ammont in kwistjoni jkun iktar minn €1,164.69 li jista' jsir appell fil-kazijiet kollha. Mela f'kull kaz il-qorti tikkonkludi li l-appellanti ma kellhomx dritt jappellaw mis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2014.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------